

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1759**tat-28 ta' Settembru 2016****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha b'mod parzjali jew bis-sħiħ, jew li żżid kwalunkwe sottodivizjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Jixraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 269, 10.10.2013, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Stephen QUEST

Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Oġġett li jikkonsisti minn virga qasira tal-azzar b'kamin metriku miksija biż-żingu, b'estremità magħmula mill-plastik. Il-virga tal-azzar b'kamin hija magħmula bi proċess ta' rrumblar għall-ħolqien tal-kamini (rolling), u għandha tul ta' 23 mm u dijametru ta' 6 mm. L-estremità, f'forma ta' ras tonda, għandha dijametru ta' 14,5 mm u ma għandhiex slott jew toqba biex fiha jiddaħħlu l-ponti ta' għodod.</p> <p>L-oġġett huwa ppreżentat għall-użu bħala ap-poġġ jew sieq għal oġġetti ta' għamara (madankollu jista' jintuża wkoll għal oġġetti oħrajn li jit-qiegħdu mal-art) u jservi biex l-għoli tal-għamara jew ta' oġġetti ieħor jiġi aġġustat billi l-parti bil-kamin tiġi invitata fl-għamara jew oġġett.</p> <p>Ara l-istampa (*).</p>	7318 15 90	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 7318, 7318 15 u 7318 15 90.</p> <p>L-oġġett huwa prodott kompost magħmul minn żewġ materjali. Il-komponent li jagħti lill-oġġett il-karattru essenzjali tiegħu huwa l-virga qasira tal-azzar b'kamin metriku miksija biż-żingu li sservi biex l-għoli ta' oġġett tiġi aġġustata permezz ta' azzjoni ta' invitar.</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8302 bħala forniture, tagħmir u oġġetti simili ta' metall ta' valur baxx tajbin għal għamara hija eskluża, minħabba li l-użu maħsub tal-oġġett mhuwiex inerenti għall-karatteristiki oġġettivi tiegħu billi dan jista' jintuża wkoll flimkien ma' oġġetti oħra apparti l-għamara. L-oġġett għandu l-karatteristiki oġġettivi ta' vit tal-intestatura 7318. Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 7318 15 90 bħala viti oħrajn.</p>

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.

